*-inċident stradali*

*-bdil tal-karreġġjata mill-vettura miexja quddiem oħra*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

**Illum, 4 ta' Lulju 2019.**

**Rikors Nru. 261/2012GM**

**NICOLAI CONSIGLIO (karta tal-identita` numru 207177M)**

**flimkien ma' martu GRAZIELLA CONSIGLIO I.D. numru 474275M**

**Għal kull interess illi jista' jkollha**

**vs**

**LESLEY MARY AUBREY**

**(karta tal-identita` numru 37237A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Nicolai u Graziella Consiglio ppreżentat fid-9 ta' Marzu 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara l-konvenuta unikament responsabbli għall-inċident stradali li seħħ fis-7 ta' Mejju, 2010 ġewwa Ħemsija By Pass, Rabat bejn il-mutur bin-numru tar-reġistrazzjoni GAC-695 misjuq mill-attur u l-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni GBG-0547 misjuqa mill-konvenuta li minħabba fih l-attur sofra diżabilita` permanenti fuq il-persuna tiegħu u f'liema ħabta l-mutur tal-attur kellu ħsarat kbar.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas l-ammont hekk likwidat.

Rat illi l-konvenuta minkejja li kienet debitament notifikata bil-proċedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, baqgħet ma ppreżentat ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilha mil-liġi u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġijiet;

Rat id-degriet tagħha (diversament preseduta) tat-23 ta' Ottubru 2012 li bih ħatret lill-espert mediku ortopediku Mr Charles Grixti;

Rat ir-rapport imressaq mill-espert mediku ortopediku Mr Charles Grixti fit-18 ta' Frar 2013;

Rat ir-rikors ta' Citadel Insurance p.l.c. fejn talbet sabiex tintervjeni in *statu et terminis* fil-kawża, iżda meta mitluba tindika l-utilita` ta' tali intervent in vista tal-kontumaċja tal-konvenuta, baqgħet ma ppreżentat ebda risposta;

Semgħet ix-xhieda u t-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tal-atturi (fol 132);

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża;

Rat li waqt l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2019 il-Qorti tat opportunita` lill-konvenuta sabiex tippreżenta nota ta' sottomissjonijiet iżda din baqgħet inadempjenti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-istess seduta tas-16 ta' Mejju, 2015 li permezz tiegħu wara li semgħet lill-avukat tal-attur, ħalliet il-kawża ħalliet għas-sentenza *in difetto ostacolo*;

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm kif diġa` ngħad il-konvenuta hija kontumaċi, kif inhu sewwa magħruf, f'każi bħal dawn min ikun fetaħ il-kawża xorta irid jipprova t-talba tiegħu għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħha il-kontumaċja hija konstestazzjoni u għalhekk il-"ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hiex ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut"[1];

**Fatti**

[1] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 (Kollez. Vol. XXIX.iii.35). Konformi: Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996

Illi jirriżulta li dak inhar tal-inċident l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura tagħha fid-direzzjoni tal-Mosta b'veloċita` relattivament baxxa filwaqt illi l-attur kien qiegħed isuq warajha bil-mutur tiegħu, it-tnejn fil-karreġġjata ta' ġewwa. L-attur kien qiegħed ma' tnejn minn sħabu b'muturi separati jsuqu wara xulxin. F'ħin minnhom il-konvenuta xegħlet l-*indicator* tal-lemin u bdiet tibdel il-karreġġjata biex toħroġ għal-karreġġjata ta' barra u filfatt marret fuq il-*fast lane* iżda fil-pront din reġgħet daħlet fil-karreġġjata ta' ġewwa bl-*indicator* għadu jindika fuq il-lemin. L-attur raha ġejja fl-*slow lane* u ra d-dwal tan-naħa ta' wara tagħha jixgħelu ħomor, b'hekk ra li għafset il-*break*. Għalkemm l-attur prova jieqaf biex jevita l-ħabta, xorta baqa' dieħel fuq il-karozza tal-konvenuta, tilef il-kontrol tal-mutur u tkaxkar bih. Dan jikkorraborawh iż-żewġt ċiklisti li kienu mal-attur dak inhar tal-inċident;

Illi *a tempo vergine* l-konvenuta qalet illi kienet qed issuq fuq il-karreġġjata ta' barra u kellha mutur quddiemha u ieħor warajha u għamlet is-sinjal biex tidħol fil-karreġġjata ta' ġewwa u **kif bdiet tipprosegwixxi għall-karreġġjata ta' ġeww**a semgħet ħoss kbir u innotat persuna ssuq mutur li ħabat fuq wara tal-karozza tagħha u spiċċa mal-art;

Illi skond ir-rapport tal-Pulizija[2], il-karozza tal-konvenuta kellha ħsara fuq il-bieba u l-fanal ta' wara tan-naħa tax-xellug u l-*bumper*, mentri l-ħsara fuq il-mutur kienet prinċipalment fuq quddiem fuq in-naha tal-lemin. Dan jindika illi l-karozza tal-konvenuta kienet *at an angle* meta sar l-impatt;

[2] Fol 7.

Illi sakemm waslu l-Pulizija, l-attur jgħid illi l-konvenuta ressqet il-karozza tagħha mill-anqas mitt metru minn fejn kienet oriġinarjament wara l-ħabta. Fil-fatt ma sar l-ebda *sketch*;

Illi mill-assjem tal-provi jirriżulta illi l-konvenuta ma ntebħitx bl-attur u filfatt semmiet li rat żewġt ċiklisti biss u mhux tlieta. Kienet hi li invadiet il-karreġġjata tal-attur mingħajr *proper look out* u ikkawżat l-inċident mertu ta' din il-kawża;

Illi fil-każ ta' vettura li taħbat m'oħra li tkun tinstaq quddiemha, " il-vejikolu ta' quddiem ikollu favur tieghu, salvi ċirkustanzi spejali, il-prinċipju hekk espress fit-test "**Trial of Motor Car Accident Cases", para.** 83:— "*Where a car is travelling in a straight course, turning neither to left nor to right, and is struck in the rear by another vehicle, the driver of the rear car is usually held responsible, especially if the car in front was on the proper side of the road. The front car has a superior right; his look-out is ahead, and not behind; and he owes no duty to the rear except to use the road in the usual way, in accordance with the rule of the road*"[3];

"Illi, madankollu, mhux kull sewwieq li jaħbat ma' karozza li tinzerta quddiemu x'ħin isseħħ il-ħabta tabilfors jirriżulta ħati ta' dik il-ħabta: dan iseħħ meta s-sewwieq ta' quddiem ifettillu jibdel il-korsija u jidħol f'dik tas-sewwieq li ġej minn warajh għall-għarrieda u jaħsad lil dan. Dan jgħodd ukoll f'każ li s-sewwieq ta' quddiem ikun għamel sinjal li sejjer jaqleb il-korsija jew ser idur għal xi āenb9, u

[3] William Buhagiar vs Nazzareno Borg - 01.06.1959 – QA(Civ.Sup) XLII.i.243

dan billi l-mixegħla waħedha tal-*indicator* m'hijiex lieenzja li tagħti jedd assolut lis-sewwieq li jkun u teħilsu minn kull responsabbilta` rigward kull min ikun āej warajh. It-tħaddim tal-*indicator* huwa miżura għaqlija ta' sewqan responsabbli, li madankollu mhix aktar minn turija talintenzjoni tas-sewwieq dwar dak li feħsiebu jagħmel f'distanza raāonevoli 'l quddiem".[4] Iktar u iktar is-sewwieq ta' wara għandu jiġi meħlus mill-ħtija f'każ bħal dak preżenti fejn mhux talli l-attriċi biddlet il-karreġġjata u nvadiet dik tal-attur, imma għamlet dan *ex abrupto* wara li kienet għadha kemm ħarġet minn din il-karreġġjata u kellha l-indicator għadu jixhel jindika li sejra għal-lane li minnu daħlet u ddeċidiet li terġa' toħroġ minnu;

Illi stabbilita r-responsabilita` unika tal-konvenuta, jrid allura jiġi stabbilit l-ammont ta' danni li għandhom jiġu akkordati lill-attur in segwitu għall-inċident stradali msemmi;

**Damnum Emergens**

[4] **Alfred Abela et vs Joseph Dimech – PA-JRM-03.02.05**

Illi l-attur qed jitlob kumpens għal-mutur li kien qed juża dak inhar tal-inċident tat-tip Honda li kawża tal-istess ġie danneġġjat u kellu jiġi msewwi. L-attur ippreżenta dokument[5] magħmul mis-*surveyor* Natalino Agius li ġie maħtur mil-kumpanija assikuratriċi tal-konvenuta u ċjoe` Citadel Insurance plc fejn ġie kkalkulat l-ammont ta' €1982.40 sabiex dan il-mutur jiġi msewwi. Filfatt l-attur jikkonferma illi għamel din in-nefqa. L-attur ma keriex mutur ieħor waqt li l-mutur tiegħu kien qed jissewwa għax kien korrut u għalhekk mhux qed jippretendi danni għal telf ta' użu;

Illi l-attur isemmi li għandu spejjeż ta' mediċini li jkollu jieħu biex itaffi l-uġigħ iżda ta' dan ma ppreżenta l-ebda irċevuti u għalhekk il-Qorti mhix f'qagħda li tillikwida d-danni fir-rigward;

## Lucrum Cessans

Illi l-attur mad-daqqa tar mill-mutur u waqa mal-art fuq l-ispalla x-xellugija. Kellu żlogazzjoni tal-*acromio-clavicular joint* tax-xellug u kellu bżonn operazzjoni biex din tiġi lura f'postha. Il-ġog imbgħad ġie iffissat b'*wires*. Għamel erba' xhur fiżjoterapja u dam erba' gimgħat fis-*sling*. L-attur għamel operazzjoni oħra sabiex ineħħi l-*wires* fl-ispalla x-xellugija. L-attur jilmenta li ma jistax jerfa' affarijiet tqal bi spalltu f' idejh ix-xellugija. L-ispalla x-xellugija tibbies u jrid jgħinha b'dirgħajh il-leminija biex iċaqlaqha. Jilmenta ukoll minn uġigħ fl-ispalla x-xellugija meta tkun il-kesħa;

## Rata ta' Diżabilita`

[5] Dok NC5 a fol 20.

Illi fir-rapport tiegħu[6], l-espert mediku ikkonstata illi l-moviment tal-ispalla tal-attur mhuwiex sħiħ u allura għandu ċertu limitazzjonijiet meta jiġi biex jixxabbat għal xi oġġett jew jekk jiġbed oġġett b'dirgħajh ix-xellugija u għalhekk attribwixxa rata' ta' diżabilita` ta' 4%;

**Multiplier**

Illi l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara[7], u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-inċident[8], illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-*multiplier* ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji;

Illi huwa stabilit li l-*multiplier* għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi[9], u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni tas-somma li għandha titħallas bħala danni. Fil-każ preżenti, jidher li l-attur fiż-żmien tal-inċident kellu 33 sena. Tenut kont taċ-*chances of life* tal-ħajja lavorattiva, din il-Qorti se taddotta *multiplier* ta' 25 sena[10];

**Paga**

Illi l-attur fi żmien l-inċident (2010) kien jaħdem ma' ECA Aluminium u xogħlu kien li jfassal, jaqta' u jgħaqqad l-aperturi tal-*aluminium* u kien jarma u jwaħħal l-aperturi fuq il-post. Kellu paga gross fix-xahar ta' €770.99[11] li jigu €9,251.88;

---

[6] Fol 61.
[7]App. Kumm. 26.7.1991 fil-kawża fl-ismijiet Mary Buġeja noe et v George Aġius et noe.
[8]Kumm. 11.7.1989 fil-kawża fl-ismijiet Emanuel Aġius v Joseph Galea et noe.
[9]App. ġiv. 16.11.1983 fil-kawża fl-ismijiet Salvatore Mifsud v Carlo Camilleri.
[10] Ara tabella indikattiva fil-kawża Anthony Azzopardi u ibnu Dominic Azzopardi v Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta – P.A - 8.03.2012.
[11] Dok EC1 a fol 123.

Illi regola mportanti f'materja ta' danni fil-kolliżjonijiet stradali tikkonferixxi lid-danneġġjat id-dritt tar-*restitutio in integrum* b'mod li jirreintegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż. Din il-Qorti se tieħu dan l-ammont in konsiderazzjoni bħala multiplikand. Il-Qorti hi tal-fehma li ma' dan l-ammont rappreżentanti l-paga annwali għandha tiżdied is-somma ta' €200 fis-sena biex tikkumpensah għall-varjazzjonijiet fil-pagi, għoli tal-ħajja u żiediet fl-inflazzjoni in ġenerali, €200 x 25 = €5,000;

**Lump Sum Payment:**

Illi kif diġa` ngħad minn din l-istess Qorti f'sentenzi oħra: "mhix sejra, kif soltu jsir, tagħmel tnaqqis minħabba li qiegħda tingħata *lump sum*. Tnaqqis bħal dan kien jagħmel sens sa ftit tas-snin ilu meta l-banek kummerċjali kienu jagħtu sa madwar 5% għal depożiti fissi. Li kien ifisser li f'ċerti każijiet, il-vittma kienet tieħu permezz tal-imgħax, somma ekwivalenti għall-paga li kien ikollha li kieku ma seħħx l-inċident; u fl-aħħar mill-aħħar tibqa' bis-somma kapitali f'idejha. Dan iżda mhuwiex il-każ fiż-żminijiet tal-lum, fejn l-imgħax huwa prattikament negliġibbli, u l-kapital ikollu "jittiekel"; fi kliem ieħor jiġi kkunsmat"[12]. Dan iktar u iktar fil-każ preżenti fejn l-inċident seħħ kwazi disa' snin ilu;

Illi a bażi tas-suespost, il-*lucrum cessans* għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

(€9,251.88 x 25 x 4%) + €5,000 = €14,251.88;

Għaldaqstant:

[12] Trevor Grech v Lawrence agius – Qorti Ċivili, Prim'Awla, 17 ta' Ottubru 2018.

Damnum emergens = €1,982.40;

Lucrum cessans = €14,251.88;

**Total tad-danni = €16,234.28;**

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenuta:

(1) tiddikjara lil konvenuta responsabbli għall-inċident tat-traffiku li seħħ fis-7 ta' Mejju 2010 ġewwa Ħemsija Bypass, Rabat bejn l-attur u l-konvenuta;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' **€16,234.28**;

(3) tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma ta' **€16,234.28,** bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv. L-ispejjeż tal-kawża inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja (374/2011) tal-4 ta' Frar 2011 u dawk tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata kontestwalment ma' din il-kawża skond id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jitħallsu kollha mill-konvenuta.

ONOR IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA